MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Numru. 54/2002

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Joseph Mark John Bartolo, ta' 31 sena, bin Augustine u Lorenza nee' Bigeni, imwieled New South Wales, Awstralja, fit-23.04.71 u joqghod "Farm" Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' Nru. 8633(A) .

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjoni li biha Joseph Mark John Bartolo gie akkuzat :

Talli fil-25 ta' Ottubru, 2002 ghal habta tal-11.45 ta' fil-ghaxija, ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu

jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzgha jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz ;

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, attakka, jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi ;

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizgura li dak ir-reat kien sar ;
Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta' hadd iehor f'periklu car, ikkaguna offiza hafifa fuq il-persuna ta' PS 1424 Mario Xiberras persuna inkarigata minn servizz pubbliku, skond kif iccertifika t-Tabib J. Xuereb Curmi MD mill-Isptar Generali t'Ghawdex ;

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil hadd iehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li hadd iehor kien ghamel skond il-ligi ;

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, volontarjament bil-lejl kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied ;

Talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex datati 28 ta' Mejju, 1991 u l-4 ta' Dicembru, 1996, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula .

Talli kiser id-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 9 Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta moghtija lilu fis-26 ta’ Marzu, 2002 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) .

Rat il-verbali tax-xhieda kollha mismugha .

Rat id-dokumenti esebiti, inkluza l-fedina penali ta' l-imputat .
Rat l-att tar-rinviju ta’ l-Avukat Generali tal-21 ta’ Novembru 2003, fejn, billi deherlu illi mill-kumpilazzjoni f’dan il-kaz tista’ tinsab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub :
(a) fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali ;
(d) fl-artikoli 214 u 221 tal-Kodici Kriminali ;
(e) fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali ;
(f) fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali ;
(g) fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali ;
(h) fl-artikoli 5, 9 u 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta illum 7, 21 u 23 tal-Kapitolu 446 ta’ l-istess Ligijiet .
Iddecieda illi kif hemm mahsub fl-artiklu 370(3)(a) (b) u (c) tal-Kodici Kriminali, jibghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti fin-nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ l-istess imputat .
Semghet lill-imputat jghid fl-udjenza tas-17 ta’ Frar 2004 li ma jsib ebda oggezzjoni li din il-kawza tkompli tinstema u tinqata’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali .
Semghet lid-difensur ta' l-imputat fl-istess udjenza jirregistra ammissjoni fil-prezenza ta' l-istess imputat .
Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u l-prosekuzzjoni dwar il-piena .
Ikkunsidrat :

Illi irid jinghad mill-ewwel illi, ghalkemm l-imputat irregistra ammissjoni dwar l-akkuzi kollha, ma tistghax issibu hati ta' l-akkuza li sar recidiv bis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti fit-28 ta' mejju 1991 u l-4 ta' Dicembru 1996 . Dan ghaliex a tenur ta' l-artiklu 50 tal-Kap. 9, dawn ir-reati huma preskritti bl-gheluq ta' hames snin mis-sentenzi

rispettivi, billi f'kull kaz il-pieni kienet ta' inqas minn hames snin prigunerija .

Dwar l-akkuzi l-ohra rrizulta illi dawn kollha sehhew f'incident wiehed meta l-Pulizija ppruvaw izommu lill-imputat milli jkompli jaghmel l-istorbju wara li kien siker u ghalhekk ma kienx fil-pussess shih tal-fakultajiet mentali tieghu . Tinnota illi l-feriti li garrab l-ufficcjal tal-Pulizija f'din l-okkazzjoni kienu ta' natura hafifa, kif iccertifika u xehed it-tabib Dottor John Xuereb Curmi . Tinnota ukoll illi l-incident mertu ta' din il-kawza sehh fil-perijodu operattiv ta' zmien moghti b'sentenza ohra taghha fejn l-imputat ma kellu jikkommetti ebda reat iehor . Huwa minnu illi l-fedina penali ta' l-imputat tindika illi dan inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu, imma minn naha l-ohra thoss illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, fejn dak li sehh kien aktarx dovut ghall-vizzju tax-xorb ta' l-imputat milli ghal xi malizja da parti tieghu, u tenut kont ukoll tan-natura ta' l-akkuzi prezenti, lanqas din id-darba sentenza ta' prigunerija ma tkun konsiljabbli . Jidher mix-xhieda prodotta illi l-imputat qed jaghmel kull sforz biex ma jergax jaqa' fil-vizzju tax-xorb, u wisq tibza illi jekk jinghata piena karcerarja din ha tkun iktar ta' hsara milli ta' gid ghalieh . Sadanittant ma tridx tinghata l-impressjoni illi xejn m'hu xejn u l-imputat jista' jaghmel li jrid minghajr ebda konsegwenzi. Ghalhekk il-piena imposta ghandha xorta wahda tkun ta' certa entita' .

Ghaldaqstant filwaqt illi, in vista ta' l-ammissjoni tieghu, issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti, minbarra dik tar-recidiva, tikkundannah ghal multa ta' hames mitt lira maltija (Lm500) pagabbli fi zmien hames xhur mil-lum . Tirrakkomanda wkoll lill-imputat sabiex isegwi kors ta' riabilitazzjoni mal-Fondazzjoni OASI fi sforz li jeghleb darba ghal dejjem dan il-vizzju tieghu .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------